MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1153/2009

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
Vs
Leonard Cole (I.D. 179569 (M))

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Guramentat tal-bank attur fejn gie premess:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-Iskritturi Privati datati fl-24 ta' Novembru 2004 u fis-16 ta' Novembru 2005 (Dok 'A' u 'B') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Leonard Cole;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Leonard Cole fis-somma ta' ghoxrin elf, mija u dsatax-il Ewro u tmenin centezmu (€ 20,119.80) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Leonard Cole mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C3", "D1 sa D3", "E1 sa E2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-17 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Leonard Cole;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Leonard Cole li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenut Leonard Cole gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata fil-25 ta’ Marzu 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “F”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Fuq dawn il-premessi il-Bank attur talab li din il-Qorti :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Leonard Cole (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Leonard Cole li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Leonard Cole jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghoxrin elf, mija u dsatax-il Ewro u tmenin centezmu (€ 20,119.80) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Leonard Cole mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C3”, “D1 sa D3”, “E1 sa E2”) flimkien

ma’ l-imghax ulterjuri mis-17 ta’ Novembru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fil-25 ta’ Marzu 2009 kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-Bank Attur tal-5 ta’ Mejju, 2004 u d-dokumenti mieghu annessi;

Semghet lix-xhud prodott mill-Bank Attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Peress illi mill-provi kollha t-talbiet tal-bank attur jirrizultaw gustifikati;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tal-bank attur;

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------